# UPDATE Priests

Mejju 2009 - N. 14

## F'din l-edizzjoni:

Linji Gwida Quddiesa

Linji Gwida Parrocci

Forum Zwieg u Familja

Kordi u Melodiji IKTUS

Quddiesa TVM

Rizorsi fuq Stress Management

Join Our Mailing List!

## Quick Links

KDZ Website
Awakening Asaph Website

## Linji Gwida ghac-celebrazzjoni ta' quddiesa zaghzugha



Aghfas hawn biex tordna il-kopja tieghek tal-linji gwida ghac-celebrazzjoni ta' quddiesa zaghzugha.

## Linji Gwida ghall-hidma pastorali fl-ambjent tal-parrocci



Aghfas hawn biex tordna l-kopja tieghek tal-linji gwida ghall-hidma pastorali maz-zghazagh fl-ambjent tal-parrocci.

**Gheziez sacerdoti,**

Fl-Evangelizzazzjoni, li mehtieg li ssir b'mod konsistenti u b'zelu li ma jaqta` xejn, jehtieg li nharsu lejn il-persuna taz-zaghzugh b'mod shih. Huwa importanti li niehdu hsieb li nikkuraw u nsahhu lill-persuna umana halli din tkun lesta li tircievi l-messagg tal-Vangelu u tapprezzah.

kummissjoni djoċesana żgħażagħ

Minn zmien ghal zmien iqumu certu issues dwar iz-zghazagh li ma nistghux ma naghtux kashom. Hekk per ezempju: hassejna l-htiega li nindirizzaw il-problema tal-*Computer Addiction*; organizzajna seminar dwar l-Istress; xi sentejn ilu ghamilna l-kampanja dwar "Hajja sesswali isbah". Dawn ghamilnihom flimkien ma` ghaqdiet u entitajiet ohrajn li jahdmu wkoll fil-qasam taz-zghazagh, bhal: Sedqa, Kullegg Santa Tereza, Richmond Foundation, Valletta Community network, St. James Cavalier, Kana, Dar Guzeppa Debono fost ohrajn.

Bhala Kummissjoni infittxu li nkunu pro-attivi u li nahdmu f'sinergija ma` kull min ghandu ghal-qalbu il-gid taz-zghazagh taghna. Ghandna esperjenzi sbieh u pozittivi li jaghmlulna kuragg nibqghu nahdmu f'din id-direzzjoni.

Hekk ukoll qed nahdmu fuq numru ta` dokumenti, fosthom "Evangelizzazzjoni 16+", flimkien maghkom sabiex ikollna direzzjoni b'vizjoni cara ghal hidma taghna. B'hekk inkunu qed nibnu fis-sod u nahdmu b'mod effettiv.

Grazzi ghall-kooperazzjoni taghkom dan kollu qed isir aktar posibbli u aktar effettiv. Il-hidma tad-Djocesi maz-zghazagh tiehu aktar hajja jekk ahna nitheggu aktar u nfittxu li nsahhu lil xulxin.

Kuragg.
Fr. Savio

**Forum Zwieg u Familja**




Nhar il-Hamis 21 ta' Mejju, ser isir forum li qieghed ikun organizzat sabiex jaghti spazju lil zghazagh impenjati fl-ghaqdiet tal-Knisja li jsemmghu lehinhom dwar l-aspirazzjonijiet taghhom fuq iz-zwieg u l-familja. Jisimghu liz-zghazagh ser ikunu Mons. Arcisqof u rapprezentanti ohrajn mill-Knisja kif ukoll diversi membri tal-Parlament Malti, b'mod partikolari il-membri tas-Social Affairs Committee.

Nixtiequ niehdu din l-okkazjoni, sabiex nistiednu lilkom u liz-zghazagh li tahdmu maghhom sabiex tiehdu sehem f'dan il-forum. Ilkoll flimkien nistghu naghtu s-sostenn liz-zghazagh sabiex ikunu huma stess il-protagonisti li jiehdu sehem attiv fil-bini ta' socjeta aktar b'sahhitha. Ghal aktar informazzjoni tistghu tibaghtu email

**Kordi u Melodiji tal-Ktieb IKTUS**




Wara l-pubblikazzjoni tal-ktieb IKTUS, qeghdin issa ntellghu il-kordi u l-melodiji tal-innijiet li jinsabu f'dan il-ktieb fis-sit http://www.awakeningasaph.org/iktus. Bhalissa hemm madwar 250 kordi u fil-jiem li gejjin ser jitilghu aktar. Bhalissa qeghdin nikkompilaw ukoll il-melodiji ta' dawn l-istess innijiet fejn uhud minnhom ser tkunu tistghu tnizzluhom mis-sit stess filwaqt li l-kumplament ikunu jistghu jigu ordnati bhala photocopies mill-ufficcji taghna. Inheggukom sabiex tidhlu ta' spiss f'dan is-sit biex taraw l-ahhar aggornamenti.

**Quddiesa tal-Hadd fuq TVM**



Kif forsi diga' innutajtu, il-quddies tal-Hadd li ssir fuq TVM il-Hadd filghodu, fit-8am, bhalissa qed issir minn parroccii/knejjes differenti. Fr. Charles Tabone wera ix-xewqa li dawn il-quddies isiru b'mod partikolari f'parrocci/knejjes fejn waqt il-quddies ikun hemm animazzjoni zaghzugha. Dawk kollha interessati li din il-quddiesa ssir fil-parrocca/knisja li jiehdu hsieb jistghu jikkuntattjaw lil Fr. Charles fuq charles.tabone@maltadiocese.org jew iccemplulu fuq: 25906210/25906203. Jekk forsi ghandkom kappella/knisja li tixtiequ li minnha tixxandar din il-quddiesa, izda m'ghandkomx min janima, tistghu tikkuntattjaw lit-tim ta' Awakening Asaph fuq info@awakeningasaph.org biex isib band zaghzugha li tkun lesta li tanima din il-quddies.

**Rizorsi fuq Stress Management**




Wara l-konferenza dwar stress management li saret nhar is-Sibt li ghadda fil-Kavallier ta' San Gakbru, qeghdin naghtu l-possibilita' li tordnaw ir-rizorsi li tqassmu dakinhar, fosthom CD interattiv b'loghba ghall-uzu maz-zghazagh u anke sitt skemi ta' laqghat. Jekk tixtieq dawn ir-rizorsi li huma bla hlas tista' tibghat email fuq [info@kdz.org.mt](mailto:info@kdz.org.mt).

[Forward email]

Email Marketing by

SafeUnsubscribe®
This email was sent to info@kdz.org.mt by info@kdz.org.mt.
Update Profile/Email Address | Instant removal with SafeUnsubscribe™ | Privacy Policy.

Constant Contact
TRY IT FREE

Kummissjoni Djocesana Zghazagh | 492/3 | St. Joseph High Road | Sta. Venera | SVR 1014 | Malta